# Tislima lill-Iskultur Rabti Anton Agius (1934-2008)



Matul is-sena l-oħra ir-Rabat, għal darba oħra ġarrab it-telfa ta' Rabti li għamlilna ġieħ bil-ħidma u l-kapaċitajiet tiegħu fil-qasam tal-arti. Qed nirreferu għall-ħabib tagħna l-iskultur Anton Agius li ħalla din id-dinja nhar il-Ħadd 19 ta' Ottubru 2008.

Anton Agius twieled fi Triq Cosmana Navarra fir-Rabat nhar l-1 ta' Diċembru 1934 minn Ġużeppi u Stella mwielda Galea. Wara li attenda l-iskola tal-Gvern fir-Rabat, beda jattendi l-iskola tal-Arti fi ħdan is-Soċjetà tal-Arti, Manifattura u Kummerċ fejn studja l-immudellar fit-tafal taħt id-direzzjoni tal-artist Ġorġ Borg (l-iskultur li ħadem l-istatwa titulari ta' San Bastjan li nsibu f'Ħal Qormi). Fl-1957 rebaħ borża ta' studju biex jmur jkompli jitgħallem l-arti fl-Akkademja di Belle Arti f'Ruma u minn hemm kompla f'St Martin's College f'Londra.

Lura Malta beda jaħdem bħala għalliem fl-iskejjel tal-gvern. Hu rebaħ diversi konkorsi lokali kif ukoll oħrajn internazzjonali bħall-onorifiċenza del Dio Pan ta' Firenze (1979), l-artist tas-sena (1980), it-Targa d'Onore (1982) kif ukoll il-Bienneale Internazzjonali tal-Arti Malta (1997). Ix-xogħlijiet ta' Agius ivarjaw minn xogħol fit-tafal, bronż, konkos, ġebla, resin kif ukoll injam. Ma nistgħux hawnhekk ma nsemmux il-kollezzjoni kbira ta' xogħlijiet fiz-zkuk taż-żebbuġ li tinsab fil-Mużew tal-Kattidral tal-Imdina.

Jibqa' iżda forsi l-aktar magħruf għall-kwantità ta' monumenti li ħadem, u li wieħed jista' jara madwar Malta kollha li jfakkru Maltin li għamlu isem jew avvenimenti importanti fl-istorja ta' pajjiżna. Fost dawn insemmu l-monument tal-ħaddiem, dak ta' Jum il-Ħelsien, ta' Dun Mikiel Xerri u sħabu, tas-sette giugno, ta' Mons De Piro u oħrajn

Fil-Parroċċa hemm diversi xogħlijiet tiegħu fosthom l-ornat tal-bronż għall-altar maġġur, il-pedestall fil-fidda għall-Madonna tat-tempju, u proprju s-sena l-oħra ħadem kurċifiss li wara ġie esegwit fil-fidda bħala parti mis-sett ta' gandlieri tal-fidda tal-prima biex jintramaw fuq l-altar maġġur fil-festa ta' titulari.

Anton kellu rabta speċjali wkoll mal-Każin San Pawl. Hawn insibu xogħol minn tiegħu fosthom xogħol bikri tal-karriera tiegħu bħal m'hu r-riljiev li juri l-Martirju ta' San Pawl li jinstab fl-altar tal-kappella tal-każin kif ukoll riliev li juri l-aħħar ċena imqassam fuq sebgħa niċeċ fl-iskanell tal-istess altar. Għall-istess kappella aktar tard ħadem Qalb ta' Ġesù fit-terrakotta li kien irregala lis-Soċjetà bħala turija ta' ringrazzjament għas-sogħba li l-kumitat tal-Każin San Pawl kien wera meta akkumpanja u ħa sehem fil-funeral ta' missieru Ġużeppi.

Għall-Kumitat tal-festa kien dejjem ta' għajnuna kull meta ġie avviċinat għall-għajnuna jew pariri tiegħu. Niftakruh ilkoll jidderieġi r-restawr estensiv li kien sar fl-istatwa tal-Konti Ruġġieru. Rajnieh ukoll fis-sena 2000 jagħti l-pariri u l-għajnuna tiegħu kollha biex twaqqfet l-istatwa ta' San Pawl fil-kamra tan-Nar. Magħna qatta' ħafna ħin mingħajr qatt ma ppretenda ħlas jew ringrazzjamenti.

Xi ftit tax-xhur qabel ma miet iddeċieda wkoll li jirregala lill-Mużew Wignacourt, il-Mużew tal-Parroċċa, numru ta' xogħlijiet tiegħu, uħud minnhom esegwiti fil-ġibs. Illum kull min iżur il-Mużew jista' jara kamra ddedikata lilu b'xogħlijiet esebiti li juru l-abbiltà tiegħu f'suġġetti differenti.

Kien għalhekk xieraq li għall-funeral tiegħu li sar nhar il-Erbgħa 22 ta' Ottubru 2008, fil-Knisja ta' Ġiezu fir-Rabat kien hemm attendenza numeruża ta' ħbieb fosthom membri tal-Kumitati tal-Każin San Pawl, Banda Konti Ruġġieru u l-Kumitat Festi Esterni Corpus Domini u San Pawl. Ta' min jgħid li l-quddiesa konċelebrata li għaliha attenda wkoll il-President ta' Malta Dr Eddie Fenech Adami, ġiet immexxija minn Mons Ġwann Azzopardi, ħabib kbir tal-iskultur Anton Agius. Wara l-quddiesa l-katavru ta' Anton Agius ittieħed b'korteo akkumpanjat mill-Banda L'Isle Adam u ġie midfun fil-qabar tal-familja fiċ-ċimiterju ta' Santa Margerita fir-Rabat.

Minn dawn il-paġni nagħtu l-kondoljanzi mill-ġdid lil martu M'Louise, lil ibnu Anton u lil ħutu u nitolbu lill-Mulej biex jagħtih il-mistrieħ ta dejjem.